**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-20 ta' Ġunju 2016

Talba Numru: 640/2015

Numru fuq il-Lista:

**GO p.l.c.**
(C22334)

**vs.**

**Kertesz Laszlo Mihaly**
K.I. 67641 (A)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u sitta u disgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€296.43), liema ammont

huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' internet fuq 21470049 bl-akkont numru A/C40181087, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' mitejn u sitta u disgħin ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€296.43), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' Marzu 2014 li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 446/14, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur